**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Christabelle Chetcuti)**
**vs**
**Carl Ciantar**

**Illum 18 ta' Mejju, 2016**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Carl Ciantar ta' 26 sena, iben Carmelo u Carmen Ciantar nee' Vassallo, mwieled il-Pieta' fil-11 ta' Settembru 1989, residenti Blk D, Bieb A, Flat 4, Triq Pietro Gagliardi, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 421789(M);

Akkuzat talli nhar il-15 ta' Mejju 2016 ghall-habta ta' bejn is-14.00hrs u t-15.00hrs fl-inhawi ta' Joanne Gardens, Joann Garden, Tarxien u/jew f'dawn il-Gzejjer:

1. Ghamel lil Maria Cassar ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet imposti fuq b'digriet datat 29 t'April 2016 mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Mgt. Dr. A. Bugeja LL.D u li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jkellimx jew javvicina, jew jipprova jkellem lil Maria Cassar u kif ukoll li ma jikkommettix reat iehor waqt li jkun mehlus mill-arrest;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser Ordni ta' Protezzjoni (412C tal-Kap. 9) datata 28 t'April 2016 mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Mgt. Dr. A. Bugeja LL.D. bil-kundizzjoni li tipprojbixxi lil Carl Ciantar milli javvicina jew jimmolesta jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Maria Cassar u li din tibqa' fis-sehh sas-sentenza finali tal-kawza li bhalissa hemm ghaddejja fil-konfront tieghu quddiem il-Mgt. Dr A. Bugeja LL.D;

4. U aktar talli nhar is-17 ta' Mejju 2016 ghall-habta tas-19.20hrs ghamel harba sempici waqt li kien taht il-kustodja tal-pulizija minn gewwa l-ghassa ta' Rahal Gdid, Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Maria Cassar garanzija taht artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta u kif ukoll tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza jew individwi ohra skond artikolu 412 (c) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sbiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka *'contrario imperio'* d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna l-imsemmi Carl Ciantar jibqa' jinzamm arrestat. Kif ukoll tordna li s-somma ta' hmistax-

il elf ewro (15,000 Ewro) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi mressqa;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

**Il-Kaz**

Illi l-kawza odjerna tikkoncerna allegati theddid u ngurji mill-imputat fil-konfront tal-kwerelanta Maria Cassar kif ukoll allegat ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest.

**Il-Fatti fil-qosor**

Illi l-fatti esposti huma s-segwenti: Il-kwerelanta tghid illi waqt illi hi kienet fil-gnien mat-tfal li ghandhom hi u l-imputat, l-imputat li kien ghaddej bil-karozza, waqaf u sejjah lil ibnu l-kbir biex ikellmu. Hi ma hallietx lil ibnu jmur ikellem lil missieru u l-imputat offendijha bil-kliem indikati fir-rapport. Min-naha tieghu meta nterrogat mill-Pulizija l-intimat cahad kategorikament illi huwa offenda lill-kwerelanta u spjega li hu waqaf biex ikellem lil ibnu.

**Kunsiderazzjonijiet**

**L-ewwel akkuza:**

*Akkuzat talli nhar il-15 ta' Mejju 2016 ghall-habta ta' bejn is-14.00hrs u t-15.00hrs fl-inhawi ta' Joanne Gardens, Joann Garden, Tarxien u/jew f'dawn il-Gzejjer:*

1. *Ghamel lil Maria Cassar ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;*

Mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni jirrizulta illi l-kwerelanta ghamlet rapport lill-Pulizija tlett ijiem wara li allegatament sehh il-kaz. Jirrizulta wkoll illi dan ir-rapport sar wara proceduri ohra li kien hemm dakinhar bejn il-partijiet. Mistoqsija ghalfejn damet tlett ijiem biex taghmel ir-rapport, il-kwerelanta tghid illi hija ma setghetx taghmel kuntatt qabel ma' l-Avukat taghha ghaliex kienet imsiefra. Il-Qorti hija tal-fehma illi din ma hiex raguni valida li setghet zammet lill-kwerelanta milli taghmel rapport l-Ghassa hekk kif sehh il-kaz stante wkoll li setghet fittxet is-servizz ta' Avukat iehor jekk tassew kienu sehhew l-allegati ngurji u theddid.

Apparti l-fatt illi kif xehdet hi stess hija kienet gia precedentement ghamlet tlett rapporti l-Ghassa u ghalhekk hija familjari ma' dak l-ambjent. Kif xehdet hi stess ukoll l-imputat ma marx ikellem lilha izda ghajjat lit-tifel. Irrizulta wkoll mix-xhieda tal-kwerelanta stess li l-imputat jara lit-tfal regolarment, minkejja li ghad m'ghandux digriet t'access.

Huwa sinjifikattiv ukoll illi l-hin ta' l-incident (a) kif indikat fir-rapport, (b) kif indikat fix-xhieda tal-kwerelanta u (c) kif indikat fl-akkuza ma jaqbilx izda huma indikati tlett hinijiet differenti.

Il-Qorti tinnota wkoll it-tibdil fil-komportament tax-xhud Marisa Cassar waqt li kienet qieghda tixhed. In oltre l-Qorti ghandha dubji serji dwar il-veracita' tal-filmat imressaq quddiemha stante li persuni li qed jitkellmu hemmhekk ma jidhrux u ghalhekk hemm dubju dwar min jista' jkun dak it-tifel. Apparti dan, it-tifel isemmi biss il-kelma "barrija".

Il-Qorti tinnota wkoll it-tonalita' tal-vuci tal-kwerelanta f'dak il-filmat, li bl-ebda mod ma jindika li b'xi mod jew iehor il-kwerelanta hassitha mhedda anzi huwa ton aggressiv ta' persuna li taf x'ghandha taghmel. Il-kwerelanta tikkonferma wkoll li kienet hi li kellmet lill-imputat, u li hu ma kellimhiex. In oltre l-video jibda bil-kelma "obdi" u cioe' l-kwerelanta kienet qed tordna lil dak it-tifel biex jobdiha. Fuq hiex u x'ordni taghtu qabel ma nistghux inkunu nafu. Fl-istess filmat jidher ukoll id-dell ta' l-istess kwerelanta bil-mobile f'idha. U ghalhekk dak li xehdet il-kwerelanta u cioe' ili hija ma kinitx taf li l-mobile kien qed jirrekordja, ma jregix.

Min-naha tieghu, l-imputat mar jirraporta l-incident a tempo vergine dak il-hin stess.

Fil-kamp kriminali kif inhu ben saput il-Prosekuzzjoni trid iggib l-aqwa prova u l-Qorti trid tkun konvinta lil hinn minn kull dubju ragonevoli, u fin-nuqqas kull dubju ghandu jmur favur l-imputat.

In oltre dan huwa kaz li jekk pruvat jista' jwassal ghat-tnehhija tal-beneficcju tal-helsien mill-arrest u ghalhekk ghat-tnehhija tal-liberta' tal-imputat.

Fic-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilix tissodisfa r-rekwiziti li trid il-ligi fil-kamp kriminali u ghalhekk ma

tistax issib htija fl-imputat u konsegwentament qed tilliberah mill-ewwel akkuza.

Il-Qorti se tghaddi issa sabiex tikkunsidra t-tielet akkuza stante illi thoss li t-tieni akkuza tiddependi wkoll mill-ezitu dwar it-tielet akkuza.

**It-tielet akkuza:**

> *U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser Ordni ta' Protezzjoni (412C tal-Kap. 9) datata 28 t'April 2016 mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Mgt. Dr. A. Bugeja LL.D. bil-kundizzjoni li tipprojbixxi lil Carl Ciantar milli javvicina jew jimmolesta jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Maria Cassar u li din tibqa' fis-sehh sas-sentenza finali tal-kawza li bhalissa hemm ghaddejja fil-konfront tieghu quddiem il-Mgt. Dr A. Bugeja LL.D;*

Fir-rigward tat-tielet akkuza jirrizulta illi l-imputat kien f'bar vicin Joanne Gardens u meta telaq minn hemm hu u ghaddej minn hdejn il-gnien ra lill-kwerelanta bit-tfal tieghu u sejjah lill ibnu l-kbir. Kif tixhed il-kwerelanta stess l-imputat ma fittix li jkellem lilha izda li jkellem lil ibnu. Stante l-eta' tenera tat-tfal, il-Qorti tifhem li ommhom il-kwerelanta tkun maghhom, pero' fid-dawl biss ta' dak li ghandha quddiemha u fil-konferma tal-kwerelanta li l-imputat sejjah lit-tifel u mhux lilha, u li kienet hi li kelmitu u qaltlu biex jitlaq u kien biss wara, skond kif xehdet il-kwerelanta, li l-imputat allegatament indirizzaha, l-Qorti ma tistax issibu hati li kiser l-Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront taghha. U ghalhekk qed tillibera lill-imputat mit-tielet akkuza.

**It-tieni akkuza**

> *U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 29 t'April 2016 mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Mgt. Dr. A. Bugeja LL.D u li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jkellimx jew javvicina, jew jipprova jkellem lil Maria Cassar u kif ukoll li ma jikkommettix reat iehor waqt li jkun mehlus mill-arrest;*

Ghall-istess ragunijiet, kif spjegati fir-rigward tat-tielet akkuza, l-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat fuq it-tieni akkuza, u cioe', li kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest minhabba li kellem jew avvicina, jew ipprova jkellem lil Maria Cassar u qed tilliberah minnha.

**Ir-raba' akkuza**

> *U aktar talli nhar is-17 ta' Mejju 2016 ghall-habta tas-19.20hrs ghamel harba semplici waqt li kien taht il-kustodja tal-pulizija minn gewwa l-Ghassa ta' Rahal Gdid, Malta;*

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni stante l-ammissjoni bla tlaqliq ta' l-imputat anke waqt l-istqarrija tieghu, l-fatt mhux kontestat. Illi pero' meta wiehed jara l-Art. 151 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan jitkellem dwar "ikkundannat" u "prigunier". In oltre l-proviso ta' l-istess Artikolu jaghti definizzjoni tal-kelma prigunier.

Dan l-Artiklu jghid:

> *Kull ikkundannat u kull priġunier ieħor li jinsab ħati ta' ħarba sempliċi mill-ħabs jew mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu, jeħel il-*

*piena ta' priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn sena.*

*F'dan l-artikolu "priġunier" tfisser kull persuna li tkun miżmuma f'ħabs u tinkludi priġunier filwaqt li jkun qed jinġarr għal jew minn ħabs għal ieħor jew filwaqt li jkun qiegħed taħt kura jew osservazzjoni f'xi sptar.*

Illi fil-kaz odjern l-imputat ghadu mhux "ikkundannat" fir-rigward tal-akkuzi migjuba kontrih izda ghadu biss imputat. U ghalhekk il-kelma "ikkundannat" ma tapplikax ghalih. Fil-kuntest ta' kunsiderazzjoni ta' kundanni precedenti li seta' kellu l-imputat, il-Prosekuzzjoni naqset li ggib il-prova li tirrikjedi l-ligi bhala l-aqwa prova u cioe' ma tressaq l-ebda xhud biex jesebixxi sentenzi rigwardanti kundanni precedenti u jikkonferma l-istess bil-gurament. Mhux biss izda wkoll ma giet esebita l-ebda sentenza.

Illi l-Artiklu 151 jitkellem ukoll dwar "kull prigunier" u jaghti definizzjoni tal-kelma "prigunier". Illi l-imputat odjern ma jaqax taht din id-definizzjoni ta' prigunier stante illi huwa ma kienx mizmum il-habs u lanqas ma kien qed jingarr minn habs ghall-iehor u lanqas ma harab waqt li kien taht kura jew osservazzjoni f'xi sptar.

Illi persuna li tkun qed tigi nterrogata mill-Pulizija, la hija "ikkundannat" u lanqas ma hi "prigunier", ai termini tal-istess Artiklu 151 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi biex il-Prosekuzzjoni tirnexxi f'din l-akkuza trid tissodisfa zewg elementi: (a) li l-persuna tkun "ikkundannat" jew "prigunier" skond id-definizzjoni tal-istess Artiklu tal-Ligi u (b) li l-ikkundannat jew il-

prigunier jahrab mill-habs jew mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu.

Illi la darba l-imputat ma jaqax taht il-kelma “ikkundannat” u lanqas taht il-kelma “prigunier”, stante illi fil-mument li harab l-imputat la kien prigunier u lanqas ikkundannat izda kien biss persuna mizmuma ghall-interogazzjoni, allura dan l-artiklu ma japplikax ghall-imputat. Fuq dan l-element biss, din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati ta’ din l-akkuza u qed tilliberah minnha.

Illi dwar it-tieni element illi l-ligi trid  sabiex wiehed jinstab hati ta’ harba semplici, u cioe l-element li jahrab “mill-habs jew mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu” il-Qorti diga’ kellha okkazjoni li tidhol fit-tifsira ta’ l-istess. Hekk fil-kawza **Il-Pulizija vs Jean Claude Cassar, Gordon Agius, Sandro Mifsud, Joseph Cini u Raymond Borg, Qorti ta’ l-Appell, deciza 16 ta’ Marzu 2001,** l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell dahlet ukoll fit-tifsira ta’ harba semplici u ghamlet paragun dwar x’jikkonsisti f’harba semplici taht l-Artikolu 151 u x’jikkonsisti f’harba aggravata bil-vjolenza taht l-Artikolu 152 tal-Kap. 9. U d-differenza li enfasizzat il-Qorti kienet li l-Artikolu 151 jirreferi ghall-harba mill-habs fil-waqt illi taht l-Artikolu 152 ma hux necessarju illi l-prigunier ikun irnexxielu johrog mill-ambjenti tal-habs.

Konsegwentament, fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, anke fir-rigward ta’ dan it-tieni element, il-harba tal-imputat ma taqax taht l-Artiklu 151.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, fic-cirkostanzi tal-kaz odjern u fid-dawl tal-provi prodotti, l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnhom.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur